# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru ħamsa u erbgħin (54) tal-Kunsill Lokali Mqabba li nżammet nhar l-20 ta' Lulju, 2010, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, fis-7.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Viċi Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| | | |
| SKUŻAT | Nicholas Briffa | Kunsillier |

1. Il-laqgħa bdiet aktar tard milli kien skedat għaliex infetħu l-kwotazzjonijiet għax-xiri ta' żewġ *solar lighting lanterns* biex jitpoġġew fil-Ġnien tal-Ġibjun kif ukoll għar-*road markings*. Il-kwotazzjoni għal xiri ta' għaxar siġriet taż-żebbuġ jidher li ma nteressat lil ħadd u ma kien hemm l-ebda konkorrenza għaliha. Barra minn hekk, żewġ membri tal-Familja Bondin xtaqu jkellmu lis-sindku urġenti minħabba l-każ tal-marki tat-traffiku li saru viċin ir-residenza ta' Triq il-Fjuri li jissemmew anke fil-minuti ta' dan il-kunsill kemm-il darba u ħadu ħafna ħin disponibbli għal-laqgħa. Intant aktar tard fil-laqgħa issemma li problema ta' nuqqas ta' parkeġġ minħabba spazju limitat, tinsab ukoll fi Triq Santa Katerina u jinħtieġ li jsiru l-kaxxi tal-parkeġġi.

2. Is-sindku qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

3. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu meqjusa bħala moqrija, approvati u ffirmati.

Punti mill-minuti:

4. Propju llum stess twaqqfet l-istruttura tal-metall għall-*bus shelter* ġdid fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Dwar ir-*road markings* li saru minn *Transport Malta (TM)* fl-istess triq u li kienu ta' kontroversja sħiħa minħabba li kienu aboliti l-ħruġ minn kull triq laterali fl-istess Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, is-sindku qal li ġiet approvata t-talba li għamilna aħna. Dan ifisser li minn Triq il-Franka se jkun hemm ħruġ għal Triq il-Konvoj ta' Santa Marija f'kull direzzjoni. Madankollu kien deċiż illi dan mhux tollerabbli aktar minn Triq il-Qattara għaliex ikun qed ipoġġi fil-periklu lis-sewwieqa minħabba l-*junction* li hemm viċin Triq Karmenu Ciantar. Fil-parti li fiha tkun ipparkjata il-karozza tal-linja bin-numru 350, jidher li *TM* ma kienetx infurmata biżżejjed li hemm jinħtieġ manuvrar ta' xarabank u għaldaqstant qed tiġi reveduta sabiex takkomoda lill-istess venda tat-350, billi se titneħħa parti mis-*central strip* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Dwar ix-xogħol ta' bankina mill-ħaddiema tad-Distretti (Diviżjoni tax-Xogħlijiet) fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, il-KLM jittama li din tkun lesta il-ġimgħa d-dieħla. Fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, issemma li hemm ħsara tal-ilma fis-*service road* bejn Triq il-Katakombi u Triq in-Nazzarenu.

5. Il-korsijiet tal-*computer* għadhom għaddejjin kif skedat u s-sindku qal li minkejja li l-għalliem ma setgħax jagħmel lezzjonijiet il-ġimgħa l-oħra, għax kien indispost, dawn se jkomplu matul din il-ġimgħa b'mod normali. Aktar 'il quddiem kif tkun installata l-linja tat-telefon fl-Isptar il-Qadim, se jsiru korsijiet fl-*internet* u possibilment fl-*ECDL*.

6. Dwar il-messaġġi tal-ħarġa li jmiss tal-fuljett, s'issa daħal dak ta' Nicholas Briffa li talab lil sħabu l-kunsillieri b'*e-mail* aktar kmieni l-ġimgħa li għaddiet li kien se jkun indispost għal-laqgħa tal-lum.

7. Dwar ix-xogħol li hu antiċipat li jsir fuq il-pjanċa li fuqha se jkun hemm l-ismijiet ta' dawk li ħadu l-unur Ġieħ l-Imqabba matul is-snin, minn naħa tagħna bgħatna l-*order to start work* ħalli jsir l-*engraving*. Se nerġgħu ninfurmaw lill-fornitur li dan ix-xogħol jinħtieġ li jsir mingħajr dewmien.

8. Is-sindku qal li jidher li l-ideja tal-kumitat tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V (SSM), li jitħaffru toqob għan-nar tal-art f'nofs Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, ġiet '*shelved*'. Madankollu huma diġà avviċinaw lis-sindku li jixtiequ jżidu xi toqob fi Triq il-Madonna tal-Ġilju, lejn il-grawnd tal-futbol.

9. Dwar aktar kontroll fix-xiri mingħand *hardware stores* fir-raħal tagħna, is-sindku fiehem il-formularju addizzjonali lill-ħaddiema tal-*IPSL* u l-*CWS* eżattament x'għandu jsir, nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Lulju, 2010 waqt *staff meeting* li kien organizzat fl-uffiċċju tiegħu. Noel Galea qal li f'din il-laqgħa kien elenkat ix-xogħol li għandu jsir sal-aħħar ta' Settembru 2010. Jiġifieri li titlesta l-faċċata tal-bini tal-kunsill mit-tqaxxir mil-ġir u titkaħħal, li ssir manutenzjoni fuq il-logħob tat-tfal (bdil tal-ktajjen mikulin tal-bandli u ssir mera viċin daħla ta' *garages*) u żebgħa u manutenzjoni ta` l-*area* kollha f'Misraħ il-Fidwa u ssir manutenzjoni fi Ġnien Tfal ir-Raħal billi jinżebgħu iċ-ċnut fost l-oħrajn. Dan ix-xogħol kien approvat mill-kunsill f'dan il-mument.

10. Biex jingħata mertu lil kull student li jkun iggradwa mill-Università ta' Malta matul din is-sena, mhux biss ktibna lill-istess università iżda wkoll se noħorġu avviż fil-fuljett ħarġa 3 ħalli kull min ikun jixtieq jinfurmana, jagħmel dan. L-ideja hija li dawn jissemmew fis-serata Ġieħ l-Imqabba 2010.

11. Dwar is-serata 'L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien',iltaqgħu s-sindku u Paul Spiteri fejn ħalqu abboz tal-program. Paul Spiteri qal li din is-sena għandna *budget* limitat ħafna. Għaldaqstant il-ħsieb hu li jkollna attività familjari biex b'hekk inkunu qed neliminaw *re-enactments.* Madankollu se ninkludu s-servizz tal-karozzin flimkien ma' dak tat-*trackless train*, kif ukoll l-esebizzjoni ta' barriera li għal darb'oħra se tkun skjerata fil-Pjazza tal-Knisja. Fl-istess sit se jkollna wkoll wirja agrarja bil-parteċipazzjoni tad-Dipartiment tal-Agrikultura li possibilment ikunu jisilfuna l-ispeċi ta' tined. Il-kappelli se jkunu miftuħin kollha kif ukoll il-Katakombi tal-Mentna u nitolbu permess biex dak in-nhar min jidħol ma jħallasx għall-entratura. Sadanittant se noħorġu l-avviż għall-kwotazzjonijiet biex ikollna servizz ta' banda tradizzjonali Maltija u l-fistuni fil-Pjazza tal-Knisja u Triq il-Madonna tal-Ġilju. Għal darb'oħra se nippruvaw inġibu l-Kor taż-Żebbuġ Għawdex u possibilment ninvolvu lil *Montekristo Estates* billi jkollhom *stand* tal-inbid. Dwar l-ikel Malti din is-sena se jkun hemm l-involviment tal-każini tal-banda flok is-servizzi tal-Istitut għall-Istudji Turistiċi *(ITS)*. Dwar aktar servizzi mużikali, ingħad illi d-daqq taż-żavżava hu verament importanti għaliex huwa wieħed tradizzjonali. Madankollu l-viċi sindku qal li hu jixtieq jara *brass band*, jew per eżempju l-*iscouts* jieħdu sehem mal-għannejja tradizzjonali Maltin, li rriduhom bilfors. Dwar ir-razzett li s-sena l-oħra intrama' fuq il-Mentna, is-sindku qal li dan se jkun armat bin-nies tagħna u ninsabu ċerti li annimali jipprovdulna r-residenti stess. Se jkun hemm bħas-sena l-oħra servizzi mużikali minn vjolinist/i fil-Kappella ta' San Bażilju, minkejja li kien ukoll suġġerit illi jinstabu persuni li jdoqqu u oħrajn li jkantaw tajjeb mir-raħal li ssemmew b'isimhom. Dwar dan iżda jkun hemm il-ħtieġa illi jinkera *Public Address Systems* u planċier li possibilment jiġi misluf lilna mid-Dipartiment tal-Kultura. Bħala ikel tradizzjonali se naraw kif nakkwistaw il-bezzun tal-ġelat, b'togħma differenti, li llum inqata' mit-toroq tagħna minħabba l-makni moderni biex jiġi manifatturat l-istess prodott.

12. Dwar is-serata ta' Ġieħ l-Imqabba li kienet se tinżamm nhar id-9 ta' Ottubru 2010, issa ġiet trasferita għat-tielet ġimgħa peress li kemm Nicholas Briffa kif ukoll Grace Marie Mallia kienu se jkunu indisposti dak in-nhar. Għaldaqstant se nerġgħu ninfurmaw lis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju illi kollox ġie trasferit għat-tielet tmiem-il ġimgħa.

13. Qed inħejju biex noħorġu l-kwotazzjonijiet sabiex jinħadem it-trofew għal Jum l-Imqabba skond l-abbozz li kien preżentat f'dan l-uffiċċju. Fl-istess avviż is-sindku issuġġerixxa wkoll illi jinbidel il-ħajt (*boundary wall*) tal-Ġnien tal-Ġibjun b'wieħed tas-Sejjiegħ. Għaldaqstant se jkun integrat dan fl-istess avviż biex dan jinbidel flok minn wiehed tal-kantun għal wieħed aktar tradizzjonali.

14. Saret referenza għal Triq tas-Sejba propju biex nirrendu din it-triq aktar ħielsa mill-perikli wara rapporti oħra ta' inċidenti viċin is-*substation*. Charles Farrugia qal illi jinħtieġ illi jitwaħħlu żewġ *sleeping policemen* viċin is-*substation*, biex il-vetturi bilfors ikollhom inaqqsu l-veloċità. Dwar dan il-punt Paul Spiteri qal biex wieħed jitgħallem hemm bżonn li jinbdew jinħarġu l-multi u għaldaqstant *speed cameras* huma idejali. Grace Marie Mallia qalet illi hi lanqas taqbel ma' *speed humps* għaliex bihom jiżdiedu l-ħsejjes ta' vetturi kbar jaqbżu minn fuqhom. Dwar din il-preokkupazzjoni, jiġifieri li hemm bżonn isir xi ħaġa ħalli nnaqqsu l-inċidenti, intqal li l-aħjar haga hija li nikbtu l-ministeru, *cioè* lis-Sur Emanuel Delia ħalli navżawhom formalment b'dan il-periklu kontinwu. Hawn is-Sindku qal illi t-talba tagħna lil *Transport Malta (TM*) biex ninstallaw *Speed Humb* ġiet rifjutata. Biss jaqbel mal Viċi Sindku li ma nistgħux nistennew traġedja. Ġie deċiż li ninstallawhom xorta (*speed humbs*) f'ġieh is-saħħa u l-ħarsien ta' dawk il-mietu li jużaw din it-triq.

15. Il-bżonn li l-ġibjun il-miftuħ ikun imnaddaf malajr kemm jista' jkun qabel jibda l-istaġun tax-xitwa kien diskuss f'din il-laqgħa. Hawn intqal li l-*water harvesting* donnu ħadd ma hu qed jagħti każ tiegħu minkejja li din hija direttament ir-rwol tal-Awtorità għar-Riżorsi kif ukoll tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Dwar dan se nkomplu nagħmlu enfasi billi niktbu fil-ġurnal *"The Times of Malta"* għaliex in-nies xebgħu jirrappurtaw ġrieden mejtin f'dan is-sit. Is-Sindku qall ukoll li qiegħed f'kuntratt mas-*CEO* tal-WSC fejn qiegħed jistenna risposta mingħandu.

16. Kienet diskussa l-problema ta' dar abbandunata fi Triq il-Fjuri. Hawn intqal illi l-inkonvenjent minn din id-dar bi ġrieden ħerġin minnha kif ukoll ħaxix ħażin li miegħu qed jixxabtu l-istess ġrieden fuq residenzi oħra, ma jħallulniex triq oħra ħlief dik illi nkomplu nirrappurtaw lid-Dipartiment tas-Saħħa, dan l-aġir irresponsabbli tas-sid li b'tant battikati irnexxielna nintraċċawh.

17. Il-*letter of acceptance* sabiex il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma tagħti l-fakultà lill-kuntrattur tal-Kunsill Lokali Mqabba jibda jieħu l-materjal minn għandha sabiex qabel ma nagħtu t-tarmak isiru l-mejnijiet il-ġodda tal-ilma kif ukoll is-servizzi kollha li hemm bżonn, jidher li għadha ma ħarġitx. Is-sindku qal li bħala mejnijiet hemm bżonn li jinbidlu dak ta' Triq San Mikiel u Triq id-9 ta' April, 1942. Dwar il-*house connections*, dawn jidher li jridu jinbidlu kollha minħabba li l-prassi hija li jitpoġġew ġo *sleeves* ħalli jekk jerġa' jinqala' xi ħsara, kemm jinqalgħu mis-*sleeve* u jitpoġġa pajp ġdid.

18. Kienet diskussa l-garanzija ta' €20,000 li qed jitolbuna npoġġu l-*MEPA* sabiex ikun jista' joħroġ il-permess tal-*junction* fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Dwar dan kien rappurtat però illi l-applikazzjoni tagħna għall-*ERDFunds* ma' ġabitx il-punti rekwiżiti kollha u għaldaqstant il-KLM qed jappella minn din id-deċiżjoni biex isir dan il-proġett ambizzjuz b'laqta rurali u turistika li jista' jirriġenera l-ekonomija tal-Imqabba.

19. Għall-proposta s'issa informali tal-Każin tal-Madonna tal-Ġilju illi jarmaw *tower crane* fil-Pjazza tal-Knisja, se nassiguraw li dan mhu se joħloq l-ebda periklu għall-*pedestrians*. Is-Sindku ssuġġerixa li dan se jsir f'forma ta' *scaffolding* u l-*pedestrians* ikunu jistgħu jgħaddu minn fuq il-bankina mingħajr il-biżgħa li taqa' xi ħaġa fuq rashom.

20. Dwar l-involvement tal-KLM fil-Festa ta' Santa Marija, diġà bgħatna l-*purchase order* sabiex nassiguraw li jkollna gwardjani lokali biżżejjed biex inħaddmu l-pjan tat-traffiku li s-soltu jiġi

addottat fir-raħal tagħna. Intant se niffissaw laqgħa mal-awtoritajiet konċernati fosthom il-gwardjani lokali ħalli nżommu 'l xulxin infurmati b'kull żvilupp.

21. Il-viċi sindku informa 'l-KLM illi mit-29 ta' Lulju 2010 sal-1 ta' Awwissu 2010, hu se jkun imsiefer u mhux possibbli li jipparteċipa f'laqgħat li jinżammu f'dan il-perjodu. Madankollu, wara l-laqgħa li jmiss tal-KLM, jiġifieri dik ta' nhar it-3 ta' Awwissu, 2010, fis-6.30pm, jiġifieri għall-ħabta tat-8:30pm, il-KLM se jistieden lill-Kumitat tas-SSM għal *drink* tal-festa magħna. Intant, il-KLM approva l-posti tal-permessi tal-kabbani eżattament bħalma ħarġu s-sena l-oħra.

22. Is-sindku żamm il-KLM infurmat illi llum stess applikajna għat-tħaffir tal-*cable* quddiem il-Każin tal-Madonna tal-Ġilju, permezz tas-sistema tat-*trenching*. Dan ifisser illi l-applikazzjoni issa ġiet tidher li hija tal-KLM u mhux tal-Korporazzjoni Enemalta.

23. Il-KLM approva unanimament it-talba tas-segretarju eżekuttiv illi japplika għall-kors ta' *Diploma in Public Administration*. Dan jimplika illi l-istess segretarju eżekuttiv se jkun eżenti jumejn fil-ġimgħa sabiex jattendi l-Università ta' Malta għal dan il-*part time course* fuq perjodu ta' sentejn. Il-KLM qabel mal-proposta a bażi illi tali kors se jiswa mhux biss għas-segretarju eżekuttiv iżda wkoll għall-KLM biex ikun immexxi aktar professjonalment. Is-Sindku awgura lis-SE filwaqt li apprezza lid an kollu mhux ser itelled l-opġerat tal-uffiċċju tagħna.

24. Kienu approvati r-ritratti li ssuġġerixxa s-segretarju eżekuttiv sabiex jidhru fis-sit elettroniku l-ġdid tal-KLM li qed jinħadem minn *Abakus Solutions*. Dawn juru l-attività tal-KLM fis-snin 2008, 2009 u 2010. Kopja ta' dawn ir-ritratti kienu ingħataw lill-kunsillieri fis-seduta preċedenti fuq *CD*.

25. Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 385.

26. F'punti oħra ssemmiet il-lampa tat-toroq ta' Triq Innoċenz Zammit, għaliex ilha rrappurtata ħafna jiem u għada mhux qed tixgħel. Dwar dan se tintbgħat *reminder* lill-kuntrattur.

27. Is-sindku irrefera għal talba minn Maria Tonna sabiex fl-Isptar il-Qadim jibdew jinżammu wkoll korsijiet ta' arti għat-tfal ta' bejn it-tmienja u t-tnax-il sena. Dawn se jkunu jikkonsistu f'disa' lezzjonijiet ta' darba fil-ġimgħa ta' siegħa u nofs-il waħda għall-pagament ta' €20. Il-KLM approva dawn il-lezzjonijiet u li se jibdew isiru fil-futur qrib.

28. Il-laqgha ntemmet fid-8:45pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*____ /08 /2010 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |